MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Numru 1073/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**vs**

**Raymond Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Raymond Buhagiar, ta’ 49 sena, bin Spiridione u Carmela nee Schembri, imwieled Pieta` nhar it-22 ta’ Jannar 1956 u joqghod 16/17 Triq is-Siggiewi, Zebbug, u detentur tal-karta ta’ l-identita` 134256M f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fit-30 ta' Settembru 2005 u fix-xhur ta' qabel, f'Santa Lucia, f'Rahal Gdid u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru RAJ 806 fuq vettura tal-ghamla Mercedes Sprinter (numru tar-registrazzjoni originali mhux maghruf);
2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal n-numru tar-registrazzjoni RAJ 806 fuq vettura tal-ghamla Mercedes Sprinter (numru tar-registrazzjoni originali mhux maghruf);
3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Mercedes Sprinter (numru tar-registrazzjoni originali mhux maghruf), b'numri tar-registrazzjoni RAJ 806 li jappartjenu vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u talli naqas li fi zmien sebat ijiem jaghti avviz bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku dwar xiri ta' vettura tal-Mercedes Sprinter (numru tar-registrazzjoni originali mhux maghruf).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JB 2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kap. 9, ir-Regolamenti 17, 18, 21, 26, 31 u 91 tal-A.L. 128/1994 u l-artikoli 15(1)(a), 54 u 55 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Raymond Buhagiar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Raymond Buhagiar ghall-piena komplessiva ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija u mija u hamsin liri Maltin (Lm150) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat Raymond Buhagiar jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Raymond Buhagiar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------